Nru. 18,007
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 12 ta' Diċembru, 2006
Tuesday, 12th December, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1045

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. XX ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali.

It-12 ta' Diċembru, 2006

Nru. 1046

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,005 u 18,006 tal-5 u s-7 ta' Diċembru, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 310 ta' l-2006: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Propagation Material of Vines (Amendment) Regulations, 2006.*

A.L. Nru. 311 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

A.L. Nru. 312 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ottenibilità ta' Informazzjoni tal-Konsumatur dwar l-Ekonomija tal-*Fuel* u l-Emissjonijiet tal-*Carbondioxide* rigward l-Immarkettjar ta' Karozzi tal-Passiġġieri Ġodda.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1045

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. XX of 2006 entitled the Enforcement of Intellectual Property Rights (Regulation) Act, 2006.

12th December, 2006

No. 1046

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,005 and 18,006 of the 5th and the 7th December, 2006 respectively.

L.N. No. 310 of 2006: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Propagation Material of Vines (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 311 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); Development Planning Act (Cap. 356); Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations, 2006.

L.N. No. 312 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); The Availability of Consumer Information on Fuel Economy and Carbondioxide Emissions in Respect of the Marketing of New Passenger Cars (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 313 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Investiment Kollettiv *(Income* minn Investiment).

It-12 ta' Diċembru, 2006

L.N. No. 313 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Collective Investment Schemes (Investment Income) (Amendment) Regulations, 2006.

12th December, 2006

Nru. 1047

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-3 sat-8 ta' Diċembru 2006, iż-żewġ dati inklużi.

It-12 ta' Diċembru, 2006
(MPO/1057/56/V)

No. 1047

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 3rd to 8th December 2006, both days inclusive.

12th December, 2006

Nru. 1048

BORD DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port, (Kap. 171), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni ħatar il-Bord dwar il-Ħaddiema tal-Port kif jidher hawn taħt:-

Chairman
Is-Sur Charles V. Schembri

Membru li jirrapreżenta lil min jimpjega lill-Ħaddiema tal-Port
Is-Sur Albert Tedesco

Membru li jirrapreżenta lill-Ħaddiema tal-Port
Is-Sur Joseph Saliba

Segretarju
Is-Sur Charles Abela

It-12 ta' Diċembru, 2006

No. 1048

PORT WORKERS BOARD

IT is notified for general information that in terms of the Port Workers Ordinance, (Cap. 171), the Minister for Competitiveness and Communications has appointed the Port Workers Board as follows:-

Chairman
Mr Charles V. Schembri

Member representing the Employers of Port Workers

Mr Albert Tedesco

Member representing the Port Workers
Mr Joseph Saliba

Secretary
Mr Charles Abela

12th December 2006

Nru. 1049

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Ħatra ta' Direttur Ġenerali

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 649 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Lulju 2006, id-data tal-ħatra tas-Sur Martin Bugelli għandha tkun b'seħħ mill-1 ta' Awissu, 2006.

It-12 ta' Diċembru, 2006

No. 1049

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Appointment of Director General

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 649 published in the Government Gazette dated 25th July 2006, the date of appointment of Mr Martin Bugelli should be with effect from 1st August 2006.

12th December, 2006

Nru. 1050

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1004 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Diċembru, 2006, f'paġna 10,701, ngħarrfu illi n-nomenklatura bil-Malti ta' Dott. Godwin Grima, BA (Rel Studies), LL.D., LTCL, kellha tkun 'Segretarju Permanenti Ewlieni'.

It-12 ta' Diċembru, 2006

No. 1050

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (CAP. 431)

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1004 dated 1st December, 2006, published in the Government Gazette dated 1st December, 2006, on page 10,701, it is notified that the Maltese nomenclature of Dr Godwin Grima, BA (Rel Studies), LL.D., LTCL, should have read 'Segretarju Permanenti Ewlieni'.

12th December, 2006

Nru. 1051

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Vince Miceli, L.L.D., bħala Nutar Delegat tan-Nutar Dott. Keith Francis German, LL.D., b'seħħ mit-8 ta' Diċembru, 2006 sas-16 ta' Diċembru 2006, għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Joseph A. Borg, B.A.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-28 ta' Novembru, 2006

No. 1051

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Vince Miceli, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Keith Francis German, LL.D., with effect from 8th December, 2006 to the 16th December, 2006 during the latter's absence from these Islands.

Joseph A. Borg , B.A.
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

28th November, 2006

Nru. 1052

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1052

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza ta' Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Michael Grech	404168 (M)	48, "Sunair ", Flat 3, Triq Monsinjur Depiro, Ħamrun
Eugenio Gaffarena	779658 (M)	24, Triq il-Murselli, Mqabba
Rebecca Zammit	32288 (M)	188, "Daveline", Flat 1, Triq Franġisku Buhagiar, Birkirkara
Carmelo Schembri	61462 (G)	Plot 42, Triq Claudette Agius, Dingli

Applikazzjoni għal-liċenza ta' Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guards

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Augustine Joseph Chinedum	33452 (A)	108, "Jim ", Flat 1, Triq id-Duluri, Ħamrun
Natalino k/a Noel Calleja	1171 (G)	13, U2, Triq Xjuf ir-Riħ, Nadur, Għawdex
Fredrick Frendo Cumbo	7676 (M)	"Maiblockkchen", Triq Grosseto, Birkirkara
Mario Camilleri	73963 (M)	"Jac Mar", Ta' Landrijiet, Rabat
Radu Stefan Lefter	37950 (A)	Bay View 1-16, Flat 1, Triq l-Għerien, Mellieħa
Domenic Azzopardi	443176 (M)	"Hastings", Flat 3, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar

Roderick Grixt	525087(M)	"Maranta", Flat 1, Triq Dun Nard Mallia, Żurrieq
Gilbert Camilleri	555880 (M)	39, "Marsam" Triq is-Sajjieda, Żurrieq
Ryan Muscat	114088 (M)	73, Triq Melita, Paola
Charles Galea	394276(M)	85, Alley 1, Triq Pawlu Magri, Luqa
Edward Darmanin	955645 (M)	26, "Aphrodite", Flat 3, Triq il-Ħajja Ewlenija, Birżebbuġa
John Mary Farrugia	510254 (M)	"Australia", Triq Ħal Għaxaq, Gudja
Anthony Agius	91953 (M)	Flats Indipendenza, Flat 16, Triq ir-Turisti, San Pawl il-Baħar
Sean Vassallo	504488 (M)	Flat 5, Blokk 2, Ent. E, Appartamenti l-21 ta' Settembru, Triq l-Għassiela, Kalkara
Marlon Grima	18078 (M)	161, Fleur De Mai, Triq is-Sorijiet, Tarxien
Carmel Sultana	77951 (M)	Blokk 13, Bieb A, Flat 7, Misraħ Ċentwarja, San Ġwann
Daniel James Grech	440485 (M)	Blokk 2, Flat 8, Triq il-Mithna, Żebbuġ
Alan James Camilleri	481888 (M)	"Redentur", Triq tal-Papa, Birżebbuġa
Joseph Viacava	162652 (M)	19, "Corinthian", Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi
Joseph Sant	606353 (M)	11, "Larapinta", Triq il-Waqqafa, Mosta
Carmel Borg	343355 (M)	185, "Isaberlla", Triq l-Orsolini, Gwardamangia
Justin Peplow	220384 (M)	Flat 16, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk A, Birżebbuġa
Alfred Duca	942551 (M)	"My Rest", Blokk 14, Flat 6, Triq San Gorg, Birżebbuġa
Charles Schembri	535178 (M)	7, Kwartier San Nikola, Bormla
Joseph Amato	759053 (M)	22, "It-Tokk", Triq il-Fies, Attard
Edgar Bartolo	492252 (M)	49, Flat C, Triq San Mikiel, Bormla
Ryan D'Amato	504685 (M)	"Damur", Misraħ Karm Rizzo, Birkirkara
Silvio Briffa	331887 (M)	13, "Eden", Triq il-Kandlora

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-12 ta' Diċembru, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

12th December, 2006

Nru. 1053

REĠISTRU PUBBLIKU

BIS-SAĦĦA tar-regolament 6A tar-Regolamenti dwar il-Kompjuterizzazzjoni, Spezzjoni u Riċerki fir-Reġistru Pubbliku, l-Aġent Direttur, Reġistru Pubbliku jgħarraf illi fil-perijodu bejn is-Sibt, 23 ta' Diċembru 2006 u t-Tlieta, 2 ta' Jannar 2007, (iż-żewġ dati inklużi), il-perijodi ta' ħin imsemmija fis-subregolament (5) tar-regolament 6, jistgħu jibdew għaddejjin mill-ewwel ġurnata ta' xogħol li tiġi wara dan il-perijodu speċjali.

B'żieda ma' dan ngħarrfu li l-perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa msemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 5 dwar il-kanċellament ta' applikazzjoni xorta jibqa' għaddej.

It-12 ta' Diċembru, 2006

No. 1053

PUBLIC REGISTRY

BY virtue of rule 6A of the Public Registry (Computerisation, Inspection and Searches) Regulations, the Acting Director, Public Registry notifies that during the period between Saturday 23rd December 2006 and Tuesday 2nd January 2007 (both dates included), the time periods mentioned in subregulation (5) of regulation 6, may commence to run from the first working day following the said special period.

Moreover it is notified that the twenty four hour period mentioned in subregulation (4) of regulation 5 regarding cancellation shall likewise so commence.

12th December, 2006

Nru. 1054

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT

(KAP. 435)

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att ta' dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qiegħed b'dan l-avviż jippubblika dan l-abbozz ta' regolamenti fejn jippermetti lil kull persuna perjodu ta' erba' ġimgħat biex tagħmel rappreżentazzjonijiet lid-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tiddikjara kif, fil-fehma tagħha, ir-regolamenti proposti ma jkunux jipproteġu biżżejjed l-ambjent jew kif dawn ikunu restrittivi ż-żejjed bla bżonn jew jikkaġunawlha diffikultà jew telf ekonomiku u titlob għal reviżjoni ta' dak l-abbozz:-

Regolamenti ta' l-2007 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu.

It-12 ta' Diċembru, 2006

No. 1054

ENVIRONMENT PROTECTION ACT

(CAP. 435)

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 10 of the Environment Protection Act, the Minister for Rural Affairs and the Environment, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, is hereby publishing the following draft regulations to allow any person a period of four weeks to make representations to the Director for Environment Protection of the Malta Environment and Planning Authority, stating how, in his opinion, the proposed regulations do not sufficiently respect the environment or how they are too unnecessarily restrictive or cause him hardship or economic loss and asking for a revision of such draft:-

Substances that Deplete the Ozone Layer Regulations, 2007.

12th December, 2006

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT
(KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 u 11 ta' l-Att dwar il-ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu. 1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu.

Għan u applikabilità. 2.(1) Dawn ir-regolamenti fihom disposizzjonijiet sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000, kif emendat, dwar is-sustanzi li jbattlu s-saff ta' l-ożonu, minn issa il- quddiem magħruf bħala "ir-Regolament tal-KE".

(2) Id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-KE għandhom jiġu implimentati u infurzati taħt l-Att.

Tifsiriet 3. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u tar-Regolament tal-KE, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

1. "l-Att" tfisser l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

2. "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif ordnat b'avviz intitolat Nomina ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, jew tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jordna u jistgħu jkunu hekk

imsemmija bħala l-awtorità kompetenti korpi jew persuni differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

"kors" għandha tfisser kull forma ta' tagħlim maħsub approvat bil-miktub mill-awtorita` kompetenti għall-ambjent ta' dawn ir-regolamenti;

3. "ktieb tar-reġistrazzjoni" tirreferi għall-ktieb illegat bl-oħxon, bil-paġni enumerate b'mod konsekuttiv li jkun fih:

4. (a) fl-ewwel paġna, l-isem, in-numru ta' l-I.D. u – numru tal-liċenza/permess tal-persuna nvolut, u
(b) dettalji oħra kif jistgħu jiġu approvati b'avviż mill-awtorita` kompetenti minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta;

5. "liċenza" tfisser kull liċenza maħruġa mill-awtorita` kompetenti għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

6. "permess" tfisser kull permess maħruġ mill-awtorita` kompetenti għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

7. "persuna nvolut" tinkludi l-produtturi, importaturi, dawk li jibgħatu l-merkanzija bil-baħar, esportaturi u tekniċi kollha, kull korp u persuna li jagħmlu użu xieraq, inkluż bejjiegħa bl-imnut, u kull persuna nvoluta fil-qirda, irkupru, reklamazzjoni u riċiklar ta' sustanzi koperti mir-Regolament tal-KE;

8. "vjaġġ" tfisser kull moviment ta' oġġetti bejn Malta u l-bqija tal-Komunita` Ewropea, u "min jibghat il-merkanzija bil-baħar" għandha tinftiehem bl-istess mod.

Reġistrazzjoni ta' persuna.

4. Il-persuna kollu involut għandu jiġi reġistrat mal-awtorità kompetenti taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill- awtorita`.

Kwalifiki tal-persuna.

5(1) Il-persuna kollu nvolut irid:

(a) ikun jippossjedi l-kwalifiki minimi meħtieġa kif stipulati mill-awtorità kompetenti. Dawn il-kwalifiki minimi meħtieġa se jkunu fil-forma ta' kors ta' tul u b'kurrikulu approvat mill-awtorità kompetenti. Meta jitlesta b'suċċess dan il-kors, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ liċenza/permess soġġetta għall-dritt li jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien b'avviż mill- awtorità kompetenti fil-Gazzetta. Il-liċenza għandha tkun valida għal 10 snin mid-data meta jitlesta b'suċċess il-kors. Tali liċenza/permess tista' tiġi riveduta, imġedda jew terminata f'kull waqt mill-awtorità kompetenti. It-terminazzjoni tal-liċenza ma timplika l-ebda dritt għall-kumpens;

(b) debitament jimla ktieb tar-reġistrazzjoni, fejn jiddikjara l-ammont kollu ta' sustanzi rkuprati, riċiklati, reklamati jew meqruda waqt l-operazzjonijiet ta' kuljum tiegħu.

Jista' wkoll ikun soġġett għall-awditjar sporadiku minn uffiċjali tal-awtorità kompetenti.

(2) Persuni naturali jew legali awtorizzati bil-miktub mill- awtorità kompetenti biss jistgħu imexxu korsijiet bil-għan li l-persuna jikseb il-kwalifiki skond dan ir-regolament.

(3) Il-persuna involut jista' biss jimmaniġġa, juża jew jinnegozja, kemm jekk għall-qligħ kif ukoll għal xi għan ieħor, sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE jew fi prodotti li jkun fihom tali sustanzi jekk ikun jippossjedi l-kwalifiki minimi meħtieġa kif imfissra fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(4) Il-persuni naturali jew legali kollha involuti fl-immaniġġar, użu, kummerċ, irkupru, reklamazzjoni jew qirda ta' sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE għandhom:

(a) Ikunu reġistrati mal-awtorità kompetenti taħt tali kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati minn żmien għal żmien mill-awtorità.

(b) Debitament jimlew ktieb tar-reġistrazzjoni, li jkun fih l-ammont kollha ta' sustanzi rkuprati, riċiklati, reklamati jew meqruda waqt l-operazzjonijiet ta' kuljum tagħhom.

Jistgħu ukoll ikunu soġġetti għall-awditjar sporadiku minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti.

Vjaġġi ta' skart

6(1) Jekk iseħħ xi vjaġġ jew esportazzjoni ta' sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE lejn faċilitajiet involuti fl-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda ta' dawk is-sustanzi, dak il-vjaġġ għandu jkun konformi mar-Regolament tal-KEE 259/93 ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi ta' skart fi ħdan, għal ġol-Komunità Ewropea u 'l barra minnha u mar-Regolamenti tal-2000 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kontroll ta' Moviment Transkonfini ta' Sustanzi Tossiċi u Sustanzi Oħra).

Avviż Legali 205 ta' 2000.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniġġar ta' Skart jew għall-miżuri adottati skond ir-regolament 3 ta' dawk ir-regolamenti.

Persuni li huma sidien ta' tagħmir.

7(1) Tagħmir eżistenti fiss b'ċarġ fluwidu li jkessaħ li jiżen iżjed minn 3 kilogrammi għandu jkun reġistrat mal-awtorità kompetenti taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-awtorità fi żmien sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Tagħmir ġdid fiss b'ċarġ fluwidu li jkessaħ li jiżen iżjed minn 3 kilogrammi għandu jkun reġistrat mal-awtorità kompetenti fi żmien ħmistax-il jum mill-bejgħ tiegħu. Il-bejjiegħ bl-imnut għandu jissupplixxi l-informazzjoni meħtieġa mir-regolament 11 (b) għall-iskopijiet ta' reġistrazzjoni.

(3) Kull persuna li tkun is-sid ta'tagħmir fiss b'ċarġ fluwidu li jkessaħ li jiżen iżjed minn 3 kilogrammi għandha:

(a) tara li dan l-apparat jiġi kontrollat kull sena ghal xi ħruġ;

(b) tniżżel il-kontrolli kollha fi ktieb tar-reġistrazzjoni debitament mimli.

Faċilitajiet għall-ħażna

8. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-faċilitajiet kollha użati għall-ħażna ta' sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE għandhom jiġu reġistrati mal-

awtorità kompetenti taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu determinati mill-awtorità. Din il-liċenza/permess tista' tiġi riveduta, imġedda jew terminata f'kull waqt mill-awtorita` kompetenti. It-terminazzjoni tal-liċenzja ma timplika l-ebda dritt għall-kumpens.

Min jagħmel użu u min jibgħat l-merkanzija bil-baħar.

9. Kull sena qabel il-31 ta' Jannar, kull min jagħmel użu minn sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE u kull min jibgħat il-merkanzija bil-baħar għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti, l-informazzjoni kif speċifikat hawn isfel għal kull sustanza kontrollata fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-format ta' dan ir-rapport b'tali manjiera illi -

(a) kull min jibgħat il-merkanzija bil-baħar għandu jikkomunika dan li ġej:

- l-isem u numru tas-serje ta' min jibgħat il-merkanzija bil-baħar;
- id-data tal-vjaġġ;
- il-pajjiż ta' l-oriġini;
- il-pajjiż fejn tkun sejra;
- kull kwantita` ta' sustanzi kontrollati mibgħuta bil-baħar f'Malta u barra minn Malta ;
- in-natura tas-sustanzi billi jagħmel differenza bejn dawk fi stat verġni, dawk irkuprati u dawk reklamati;
- kull dettal ieħor skond ma jista' jkunu mitlub minn żmien għal żmien mill-Awtorità Kompetenti b'avviż fil-Gazzetta.

(b) Kull min jagħmel użu, inkluż kull produttur li juża dawk is-sustanzi, għandu jikkomunika dan li ġej:

- l-isem u numru tas-serje ta' min jagħmel użu ;
- kwantitajiet użati;
- in-natura tas-sustanzi billi jagħmel differenza bejn dawk fi stat verġni, dawk irkuprati u dawk reklamati;
- in-natura ta' l-użu ;
- il-kwantitajiet maħżuna;
- kull kwantita` irkuprata, riċiklata, reklamata jew meqruda;
- kull dettal ieħor skond ma jista' jkun mitlub minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti b'avviż fil-Gazzetta.

Tekniċi tar-refriġerazzjoni.

10.(1) Qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena, it-tekniċi tar-refriġerazzjoni għandhom jikkomunikaw lill-awtorità kompetenti, l-informazzjoni mitluba skond il-paragrafu 9(b) ta' dawn ir-regolamenti, flimkien ma' dan li ġej:

a) l-ismijiet tal-fornituri tas-sustanzi użati minnhom u li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE;
b) il-kwantità u d-destinazzjoni tat-tali sustanzi trasferiti u/jew li bidlu l-idejn b'kull mezz li jkun.

(2) Kull ħames snin, it-tekniċi tar-refriġerazzjoni għandhom jibgħatu kopji tal-kotba ta' reġistazzjoni tagħhom lill-awtorità kompetenti għar-reviżjoni. Dawn il-kopji jridu jkunu iffirmati mill-persuna uffiċjali li kien inħareġ f'isimha l-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali bħala vera kopja tal-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali fil-pussess tagħha.

Bejjiegħa bl-imnut.

11. Qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena, bejjiegħa bl-imnut li jimmaniġġaw sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE jew prodotti li jkun fihom tali sustanzi

għandhom jibgħatu kopji tal-kotba ta' reġistrazzjoni uffiċjali tagħhom lill-awtorità kompetenti għar-reviżjoni. Dawn il-kopji jridu jkunu iffirmati mill-persuna uffiċjali li kien inħareġ f'isimha l-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali bħala vera kopja tal-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali fil-pussess tagħha. Dawn għandu ikun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) għal sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE :

- l-isem u numru tas-serje tal-bejjiegħ bl-imnut,
- l-isem u numru tas-serje ta' min jibgħat il-merkanzija bil-baħar,
- id-data tax-xiri mingħand min jibgħat il-merkanzija bil-baħar,
- in-natura tas-sustanzi billi jagħmlu differenza bejn ħażniet fi stat verġni, dak irkuprat u dak reklamat,
- in-natura ta' l-użu,
- il-kwantità,
- id-data tal-bejgħ bit-tip u l- kwantità,
- l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-bejjiegħ,
- kull dettal ieħor skond ma jista' ikun mitlub minn żmien għal żmien mill-Awtorità Kompetenti b'avviż fil-Gazzetta; u

(b) għal tagħmir fiss li jkun fih ċarġ fluwidu li jkessaħ li jiżen iżjed minn 3 kg:

- l-isem u numru tas-serje tal-bejjiegħ bl-imnut,
- id-data tal-bejgħ,
- iċ-ċarġ f'Kg,
- in-natura tas-sustanza,
- in-natura tal-apparat,
- il-post tal-installazzjoni,
- id-dettalji tas-sid il-ġdid,
- in-numru ta' referenza ta' reġistrazzjoni tat-tagħmir,
- kull dettal ieħor skond ma jista' jkun mitlub minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti b'avviż fil-Gazzetta.

Tagħmir b' ċarġ ta' iżjed minn 3 kg.

12.(1) Is-sidien kollha ta' tagħmir fiss li jkun fih ċarġ fluwidu li jkessaħ li jiżen iżjed minn 3 kg għandhom qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena jirraportaw dan li ġej għal kull biċċa tagħmir li tista' tiġi identifikata speċifikament, għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel:

- L-ammonti kollha tal-ħruġ misjub,
- L-azzjonijiet li ittieħdu biex jiġi eliminat dak il- ħruġ,
- Il-kwantità u n-natura tas-sustanzi involuti,
- In-numru tas-serje tal-personal involut skond it-termini ta' l-ewwel żewġ sub-inċiżi ta' dan is-subregolament, kif ukoll id-dati u r-riżultati ta' dawn il-kontrolli;
- Kull kwantita` miżjuda u kull kwantita` irkuprata waqt is-servis u l-manutenzjoni u r-rimi finali.
- Kull dettal ieħor skond ma jista' jkun mitlub minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti b'avviż fil-Gazzetta.

(2) Kull ħames snin, is-sidien kollha ta' tagħmir fiss li fih ċarġ fluwidu ta' refriġerazzjoni li jiżen iżjed minn 3 kg għandhom jibgħatu kopji tal-kotba ta' reġistrazzjoni tagħhom lill-awtorità kompetenti għar-reviżjoni. Dawn il-kopji jridu jkunu iffirmati mill-persuna uffiċjali li kien inħareġ f'isimha l-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali bħala vera kopja tal-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali fil-pussess tagħha.

Entitajiet involuti fl-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda ta' sustanzi

13. Qabel il-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-entitajiet kollha involuti fl-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda ta' sustanzi kontrollati għandhom jikkomunikaw lill-awtorità kompetenti, l-informazzjoni kif speċifikat hawn taħt għal kull sustanza kontrollata fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel Għandhom jibgħatu kopji tal-kotba ta' reġistrazzjoni tagħhom lill-awtorità kompetenti għar-reviżjoni. Dawn il-kopji jridu jkunu iffirmati mill-persuna uffiċjali li kien inħareġ f'isimha l-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali bħala vera kopja tal-ktieb tar-reġistrazzjoni oriġinali fil-pussess tagħha. Il-ktieb tar-reġistrazzjoni għandu jkun fih:

- L-isem u n-numru tas-serje tal-entità,
- In-numru tas-serje tal-personal involut fil-konsenja ta' sustanzi ikkontrollati għall-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda,
- Il-kwantitajiet u n-natura tas-sustanzi kontrollati konsenjati minn kull wieħed mill-persuna involut, b'distinzjoni bejn sustanzi konsenjati għall-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda,
- Dettalji dwar id-destinazzjoni tas-sustanzi kontrollati konsenjati, b'distinzjoni bejn sustanzi konsenjati għall-irkupru, riċiklar, reklamazzjoni u qirda,
- Kull ħażna li jkun għad fadal sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena li fir-rigward tagħha jkun qed isir rapport,
- Kull dettal ieħor skond ma jista' jkun mitlub minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti b'avviż fil-Gazzetta.

Korpi ta' istruzzjoni.

14. Il-persuni naturali jew legali kollha awtorizzati bil-miktub mill-awtorità kompetenti sabiex jipprovdu l-kors għall-kwalifiki minimi meħtieġa stipulati mill-awtorità, kif meħtieġ skond is-subregolament 5(2), għandhom, wara t-terminazzjoni ta' kull ċiklu tal-kors, jipprovdu, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, l-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-kors kif meħtieġ mill-awtorità. Din l-informazzjoni għandha tinkludi:

- L-isem u n-numru ta' awtorizazzjoni ta' korp ta' istruzzjoni li qed imexxi l-kors,
- Id-dati tal-bidu u t-tmiem tal-kors,
- L-ismijiet, il-kunjomijiet u n-numri ta' l- I.D. tal-kandidati li jgħaddu;
- In-natura ta' l-impjieg tal-kandidati li jgħaddu
- L-indirizz tan-negozju reġistrat tal-kandidati li jgħaddu.

Spezzjoni.

15(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artiklu 25 ta' l-Att, l-awtorità kompetenti tista', meta twettaq il-funzjonijiet assenjati lilha permezz ta' dawn ir-regolamenti, titlob l-informazzjoni kollha relevanti mill-persuna involut u mill-intrapriżi konċernati.

Avviż Legali 1 ta' l-1994.

(2) L-awtorità kompetenti tista' twettaq kull investigazzjoni meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, u tista' tagħmel ispezzjonijiet sporadiċi fuq importazzjonijiet, esportazzjonijiet, tagħbijiet, faċilitajiet ta' ħażna u użu u faċilitajiet ta' rimi ta' sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-regolament tal-KE, kif ukoll fuq il-persuna kollu involut.

(3) Bla ħsara għar-regolamenti 9 sa 13, il-vjaġġi, importazzjonijiet u esportazzjonijiet kollha huma soġġetti għall-kontrolli sporadiċi mill-awtorità kompetenti. Min jibgħat il-merkanzija bil-baħar, l-importaturi u l-esportaturi kollha għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti dwar kull vjaġġ, importazzjoni jew esportazzjoni li jkunu ser isiru mill-inqas 15-il jum tax-xogħol qabel ma attwalment jitwettqu l-vjaġġ, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni. Id-dettalji kollha għandhom jiġu ppreżentati skond il-ħtiġijiet tal-format stabbiliti għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti.

(4) Il-konteniturі, inkluż ċilindri, mimlijin b'sustanzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament tal-KE, għandhom jiġu ttimbrati mill-uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti qabel ma jiġu rilaxxati mid-Dwana u jibgħat il-merkanzija bil-baħar, l- esportatur jew l-importatur ikun responsabbli, kif stipulat fir-regolament 9, biex tiżamm u tiġi rappurtata informazzjoni, relatata ma' kull bejgħ u,jew trasferiment b'kull mezz li jkun, ta' dawn is-sustanzi sal-punt tal-bejgħ, meta din ir-responsabilità tgħaddi lil persuni naturali jew ġiuridiċi ġodda li jkunu nvoluti.

Dokumenti ta' gwida

16. L-awtorità kompetenti tista' tiżviluppa kif xieraq u tiżgura t-tixrid ta' noti u dokumenti ta' gwida bil-għan li tiżgura l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti u r-Regolament tal-KE.

Reati

17. Persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk -

(a) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni tar-Regolament tal-KE jew ta' dawn ir-regolamenti, jew tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet ta' xi permess jew ma' xi ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-Regolament tal-KE jew minn dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni tar-Regolament tal-KE jew ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin jew tħajjar, lil xi ħadd ieħor b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew ta' flus biex jinkisru id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-KE jew ta' dawn ir-regolamenti, jew biex persuna tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi disposizzjoni bħal dik, inkluż kull ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni tar-Regolament tal-KE jew ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-regolamenti msemmija.

Penali

18.(1) Kull persuna li twettaq reat taħt ir-Regolament tal-KE jew taħt dawn ir-regolamenti, tista' -

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, teħel multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira Maltija iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija, u meta jkun japplika r-revoka tal-liċenza tagħha u l-konfiska tal-vettura jew tagħmir użati sabiex jitwettaq ir-reat;

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew iżjed drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira Maltija, iżda mhux iżjed minn elfejn lira Maltija jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien u fejn ikun japplika ir-revoka tal-liċenza tagħha u l-konfiska tal-vettura jew tagħmir użati sabiex isir ir-reat.

(2) Il-Qorti tista' tordna li kull persuna li tkun instabet ħatja li għamlet xi reat taħt ir-Regolament tal-KE jew taħt dawn ir-regolamenti, tħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tar-reat imsemmi, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti.*

(3) Il-Qorti tista' tordna li kull persuna li tkun instabet ħatja li kkomettiet xi reat taħt ir-Regolament tal-KE jew taħt dawn ir-regolamenti li tħallas l-ispejjeż kollha, jew parti minnhom, dovuti minħabba l-azzjoni ta' kontravenzjoni relevanti miġjuba kontra Malta mill-Kummissjoni Ewropea taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-KE jew tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Applikabilità tal-Kap. 9.

19.(1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu japplikaw għall-proċeduri fir-rigward ta' reati kontra r-Regolament tal-KE jew kontra dawn ir-regolamenti, b'dana illi l-iskwalifika mill-pussess jew mill-ksib ta' liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun ta' inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra r-Regolament tal-KE jew kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-Qrati bħala Qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull senetenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), dwar proċedimenti għal xi reat kontra r-Regolament tal-KE jew kontra dawn ir-regolamenti.

Tħassir ta' l-A.L.292 tal-2002

20. Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar is-Sustanzi li Jbattlu s-Saff ta' l-Ożonu, qegħdin b'dan jiġu revokati.

ENVIRONMENT PROTECTION ACT
(CAP. 435)

Substances Depleting the Ozone Layer Regulations, 2007

BY virtue of the powers conferred by articles 9 and 11 of the Environment Protection Act, the Minister for Rural Affairs and the Environment has made the following regulations:-

Citation. 1 The title of these Regulations is the Substances Depleting the Ozone Layer Regulations, 2007.

Scope and applicability 2 These regulations contain provisions for the application of Regulation (EC) No 2037/2000 of the European Parliament and of the Council of 29 June 2000, as amended, on substances that deplete the ozone layer, hereinafter referred to as "the EC Regulation".

(2) The provisions of the EC Regulation shall be implemented and enforced under the Act.

Definitions 3. For the purposes of these regulations and of the EC Regulation, the following definitions shall apply:

1. "the Act" means the Environment Protection Act;

2. "the competent authority" means the Malta Environment and Planning Authority as prescribed by the notice entitled Nomination of the Malta Environment and Planning Authority as the competent authority, and such other body or person as the Minister responsible for the environment may by order in the Gazette prescribe and different bodies or persons may be designated as the competent authority for different provisions and different purposes of these regulations;

3. "course" means any thought form of instruction approved in writing by the competent authority for the purposes of these regulations;

4. "licence" means any licence issued by the competent authority for the purposes of these regulations;

5. "logbook" refers to a hard bound, consecutively page numbered book containing

(a) on the first page, the name, I.D. number and license/permit number of the personnel involved, and
(b) other details as may be approved from time to time by notice of the competent authority in the Gazette;

6. "permit" means any permit issued by the competent authority for the purposes of these regulations;

7. "personnel involved" includes all producers, importers, shippers, exporters, technicians, any appropriate bodies and users, including retailers and any persons involved in the destruction, recovery, reclamation and recycling of the substances covered by the EC Regulation;

8. "shipment" means any movement of goods between Malta and the remainder of the European Community, and "shipper" shall be construed accordingly.

Registration of personnel

4. All personnel involved shall be registered with the competent authority under such conditions as may be determined by the authority.

Qualifications of personnel

5.(1) All personnel involved shall :

(a) possess the minimum qualification requirements as defined by the competent authority These minimum qualification requirements will take the form of a course with a duration and curriculum approved by the competent authority. On successful completion of this course, a licence/permit shall be issued by the competent authority subject to a fee as may be determined from time to time by notice of the competent authority in the Gazette. The licence will be valid for 10 years from the date of successful completion of the course. Such licence/permit may be reviewed, renewed or terminated at any time by the competent authority. Termination of a licence shall not entail any right for compensation;

(b) duly fill out a logbook, stating all amounts of controlled substances recovered, recycled, reclaimed or destroyed during their day to day operations.

They may also be subject to random audits by officials of the competent authority.

(2) Only natural or legal persons authorized in writing by the competent authority may conduct courses for the purposes of qualifying personnel in terms of this regulation.

(3) All personnel involved may only handle, use or trade in, whether for profit or otherwise, substances falling within the scope of the EC Regulation or in products containing such substances if they are in possession of the minimum qualification requirements as defined in subregulation (1) of this regulation.

(4) All natural or legal persons involved in the handling, use, trade, recovery, recycling, reclamation or destruction of substances, falling within the scope of the EC Regulation, shall :

(a) be registered with the competent authority under such conditions as may be determined by the authority from time to time.

(b) duly fill out a logbook, stating all amounts of controlled substances recovered, recycled, reclaimed or destroyed during their day to day operations.

They may also be subject to random audits by officials of the competent authority.

Shipments of waste.

6.(1) Should any shipment or export of substances falling within the scope of the EC Regulation to facilities involved in the recovery, recycling, reclamation and destruction of such substances take place, such shipment shall comply with EEC Regulation 259/ 93 of 1 February 1993 on the supervision and control of shipments of waste within, into and out of the European Community and with the Environment Protection (Control of Transboundary Movement of Toxic and other Substances) Regulations, 2000.

L.N. 205 of 2000.

(2) These regulations shall be without prejudice to the Waste Management (Permit and Control) Regulations, 2001 or to measures adopted in terms of regulation 3 of those regulations.

L.N. 337 of 2001.

Persons owning equipment

7.(1) Existing fixed equipment with a refrigerating fluid charge of more than 3 kilograms shall be registered with the competent authority under such conditions as may be determined by the authority within one year from the date of publication of these regulations.

(2) New fixed equipment with a refrigerating fluid charge of more than 3 kilograms shall be registered with the competent authority within 15 days of its sale. The retailer shall supply the information as required by regulation 11 (b) for registration purposes.

(3) Any person owning fixed equipment with a refrigerating fluid charge of more than 3 kilograms shall:

(a) have this equipment checked annually for leakages;

(b) keep a log of all checks in a duly filled out logbook

Storage facilities.

8. For the purposes of these regulations, all facilities used for the storage of substances falling within the scope of the EC Regulation shall be registered with the competent authority under such conditions as may be determined by the authority. Such registration may be reviewed, renewed or cancelled at any time by the authority. Cancellation of registration shall not entail any right of compensation.

Users and shippers.

9. Every year, before the 31st January, each user and shipper of substances falling within the scope of the EC Regulation shall communicate data to the competent authority as specified below for each controlled substance in respect of the period 1st January to 31st December of the preceding year. The competent authority shall establish the format of this report in such manner that -

(a) each shipper shall communicate the following:

- the name and serial number of the shipper;

- the date of shipment;
- the country of origin;
- the country of destination;
- any quantities of controlled substances shipped into and out of Malta;
- the nature of the substances differentiating between virgin, recovered and reclaimed;
- any other details as may be required from time to time by the competent authority by notice in the Gazette.

(b) each user, including any producer who uses such substances shall communicate the following:,

- the name and serial number of the user;
- quantities used;
- the nature of the substance, differentiating between virgin, recovered and reclaimed;
- the nature of the use;
- the quantities held in stock;
- any quantities recovered recycled, reclaimed or destroyed;
- any other details as may be required from time to time by the competent authority by a notice in the Gazette.

Refrigeration technicians

10.(1) Before the 31st January of each year refrigeration technicians shall communicate to the competent authority the information requested in paragraph 9(b) of these regulations, together with the following :

c) the name of suppliers of substances used by them and falling within the scope of the EC Regulation;
d) the quantity and destination of such substances transferred and/or handed over by whatever means.

(2) Every five years, refrigeration technicians shall send copies of their logbooks to the competent authority for review. These copies must be signed off by the official person in whose name the logbook was issued as a true copy of the original logbook in their possession.

Retailers

11. Before 31st January of each year, retailers handling substances falling within the scope of the EC Regulation or products containing such substances, shall send copies of their official logbooks to the competent authority for review. These copies must be signed off by the official person in whose name the logbook was issued as a true copy of the original logbook in their possession .These must contain the following information:

(a) for substances falling within the scope of the EC Regulation:

- the name and serial number of retailer,
- the name and serial number of shipper,
- the date of purchase from shipper,
- the nature of the substance (differentiating between virgin, recovered and reclaimed stock),
- the nature of the use,
- the quantity,
- the date of sale by type and quantity,
- the name and registration number of the buyer,
- any other details as may be required from time to time by the competent authority by notice in the Gazette; and

(b) for fixed equipment with a refrigerating fluid charge of more than 3 kg:

- the name and serial number of retailer,
- the date of sale,
- the charge in Kg,
- the nature of the substance,
- the nature of the equipment,
- the place of installation,
- the details of the new owner,
- the registration reference number of the equipment,
- any other details as may be required from time to time by the competent Authority by notice in the Gazette.

Equipment with a charge of more than 3 kg

12.(1) All owners of fixed equipment with a refrigerating fluid charge of more than 3 kg shall, before the 31st January of each year, report the following for each specifically identified piece of equipment, for the period 1st January to 31st December of the previous year:

- All amounts of leakages detected,
- Actions taken to eliminate such leakages,
- Quantity and Nature of the substances involved,
- Serial number of personnel involved in terms of the first two indents of this sub-regulation as well as dates and results of these checks,
- Any quantities added and any quantities recovered during servicing and maintenance and final disposal,
- Any other details as may be required from time to time by the competent authority by notice in the Gazette.

Schembri Laura, BA, Rabat, Gozo

Sciberras Claire, Skrivana, San Pawl il-Baħar
Scicluna John, Signatory BOV, Attard
Scicluna Julian, Signatory BOV, Żurrieq
Spiteri Stephanie, BA (Hons), San Pawl il-Baħar
Spiteri Stephen, Skrivan, Swieqi
Stellini Francis, Impjegat Ċivili, Fgura
Vella Anton, Impjegat Ċivili, Swieqi
Vella Brincat Alex, B.Com, Mosta
Vella Clark, James, BA, Balzan
Vella Damian, BE&A(Hons), Balzan
Vella Helen, Clerk BOV, San Ġwann
Vella Jennifer, Skrivana, Balzan
Vella John Mark, Clerk BOV, Fontana, Gozo
Vella Joseph, Clerk BOV, Siġġiewi
Vella Joseph, Clerk BOV, Xagħra, Gozo
Vella Karmenu, Signatory BOV, Siġġiewi
Vella Maria, Impjegata Ċivili, Ħamrun
Vella Mario, Signatory BOV, Naxxar
Vella Mark, B.Sc., Fgura
Vella Marlin, Nutar, Rabat, Gozo
Vella M'Rose, Skrivana, Qala, Gozo
Vella Muscat George, Impjegat Ċivili, Rabat, Gozo
Vella Myriam, Secretary, San Ġiljan
Vella Silvio, Clerk BOV, Marsaskala
Vella Simon, Clerk BOV, San Pawl il-Baħar
Vella Tanya, Clerk BOV, Tarxien
Vella Veronica, Skrivana, Dingli
Vidal Joseph, Signatory BOV, San Ġwann
Vigna Carlo Matthias, LL.D., Birkirkara
Vukovic Sean, B. Com., Sliema
West Roberta, BA (Hons) Acct., Swieqi
Xerri De Caro Simone, Clerk BOV, San Ġiljan
Xerri Mario, Clerk BOV, Luqa
Xerri Marlene, Clerk BOV, Xewkija, Gozo
Xiberras Domenica, Clerk BOV, Xagħra, Gozo
Xuereb J. Edward, Clerk BOV, Guardamangia
Xuereb Patrick, Clerk BOV, Birkirkara
Xuereb Simone, Clerk BOV, Birkirkara
Zammit Ingrid LL.D, Żurrieq
Zammit Pace roderick, LL.D., San Ġiljan
Zammit Peter, B.Com (Hons), San Ġwann
Zammit Rosalie, B. Psych., Paola
Zammit Saviour, Impjegat Ċivili, Lija
Zammit Silvio, Skrivan, Żebbuġ
Zammit Stuart, Clerk BOV, Paola
Zarb Alfred, Impjegat Ċivili, Żabbar
Zarb Joseph, Impjegat Ċivili, Sliema
Zerafa Adrian, B.A., Birkirkara
Zerafa Jason, Clerk BOV, Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Valletta, illum, it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2006.

(Ft.) JOHN FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Monday, 4th day of December, 2006.

(Sgd.) JOHN FARRUGIA
f/Registrar Courts and Criminal Tribunals

1826

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu, għar-Rikors ta' Suor Daniela fis-Seklu Marianne Micallef, rikors numru 814/2006, Giuseppe Salvatore Micallef, ġuvni, iben il-mejjet Joseph Micallef u Teresa Micallef, neé Debattista, imwieled, f' Wayne, Michigan, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, Ħ'Attard, bil-karta ta' l-identità numru 5320 (A) ġie interdett.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 6 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following, an Application of Sister Daniela, in the world, known as Marianne Micallef, application number 814/2006, Giuseppe Salvatore Micallef, bachelor, son of the late Joseph Micallef and Teresa Micallef neé Debattista, born in Wayne, Michigan, United States of America, undercare, at, Mount Carmel, Attard, having identity card number 5320(A) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 6th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti, fit-30 ta' Awissu 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Numru 2533/06, fl-ismijiet Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Keith Gauci (ID 511375M), Direttur ta-Traffiku u l-Kummissarju tal-Pulizija, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Keith Gauci, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 28 ta' Lulju 2006.

Lil: Keith Gauci (ID 511375M)

Bil-preżenti Middlesea Insurance plc (C 5553) ta' University Roundabout. Msida, jinfurmawk illi l-polza ta' assikurazzjoni ('Private Motor Policy') numru PC/27832 (vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABE 061) ġiet itterminata fit-12 ta' Lulju 2006, ai termini tal-Kundizzjoni numru 10 ta' l-istess Polza ta' Assikurazzjoni, permezz ta' ittra mibgħuta lilek minn Allcare Insurance Agency Limited f' isem is-soċjetà esponenti fl-4 ta' Lulju 2006. Illi s-soċjetà Allcare Insurance Agency Limited, fl-istess ittra intimatek sabiex tirritorna ċ-ċertifikat ta' assikurazzjoni ai termini ta' l-istess polza u ta' l-Artikolu 14 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ċertifikat qatt ma ġie kkunsinjat.

Filwaqt illi tagħmel riferenza għall-Artikolu 10(2) (ċ) (iii) tal-Kap. 104 u filwaqt illi ġġib a konjizzjoni tiegħek il-fatt illi ċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni qatt ma ġie kkonsinjat lis-soċjetà esponenti, l-istess soċjetà esponenti qiegħda teżonera ruħha mill-ħlas ta' kwalunkwe somma illi talvolta kienet obbligata li tagħmel f'każ ta' xi responsabbiltà da parti tiegħek hekk kif koperta mill-polza ta' assikurazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 4(1) tal-istess Kap. 104.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż.

Din l-ittra hija rikjesta skond l-Art. 10(2)(ċ) (iii) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifiki: (1) Keith Gauci - 63/3, Birkirkara Hill, St. Julian's.
(2) ...Omissis...
(3) ...Omissis...

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 30th August 2006, in the records of the judicial letter Number 2533/06, in the names Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Keith Gauci (ID 511375M) Director of Traffic and Commissioner of Police, ordered the following publication for the purpose of service of Keith Gauci, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 28th July 2006

To: Keith Gauci (ID 511375M)

By the present Middlesea Insurance plc (C5553) of University Roundabout, Msida inform you that the insurance policy (Private Motor Policy) number PC/27832 (vehicle with registration number ABE 061) was terminated on the 12th July 2006 in terms of Condition number 10 of the same Insurance Policy, by means of a letter sent to you by Allcare Insurance Agency Limited, in the name of the interpellant company on the 4th July 2006. That the company Allcare Insurance Agency Limited in the same letter called upon you to return the certificate of insurance in terms of the same policy and of Article 14 of Cap. 104 of the Laws of Malta, which certificate was never delivered.

Whilst referring to Article 10(2) (c) (111) of Cap. 104 and whilst bringing to your notice the fact that the insurance certificate was never delivered to the interpellant company, the same interpellant company is exonerating itself from the payment of any sum which she was bound to pay in case of any responsibility on your part as covered by the insurance policy in terms of Article 4(1) of the same Cap. 104.

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

This letter is required according to Art. 10(2) (c) (iii) of Cap. 104 of the Laws of Malta.

Services: (1) Keith Gauci - 63/3, Birkirkara Hill, St. Julian's.
(2) ...Omissis...
(3) ...Omissis...

Registry of the Superior Courts, today 4th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1828

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-29 ta' Marzu 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Anthony Gauci ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 16 ta' Settembru 2005

Lil: Mr Anthony Gauci.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn thallas is-somma ta' tmint elef u seba' mija u erbgħa u sebgħin lira Maltin (Lm8,774) dovuta kwantu għal sebat elef u erba' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltin (Lm7,454) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2004 u kwantu għal elf u tliet mija u għoxrin lira Maltija (Lm1,320) bħala taxxa addizzjonali skond l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit ' animo ritirandi' u mmarkat Dok. 'A'.

Billi int inqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok.'A' fuq ċitat) il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni – Floriana.

Intimat: 54, Sayonara
Triq il-Kaħwiela
Santa Luċija PLA 10.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 29th March 2006, in the records of the judicial letter in the names Commissioner for Inland Revenue vs Anthony Gauci ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 16th September 2005

To: Mr Anthony Gauci.

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of eight thousand seven hundred and seventy four Maltese Liri (Lm8,774) due as for seven thousand four hundred and fifty four Maltese Liri (Lm7, 454) in arrears of income tax or provisional tax for the years of assessment 2002, 2003 and 2004 and as for one thousand three hundred and twenty Maltese Liri (Lm1,320) as additional tax according to the notice/ demand for payment hereby 'attached' 'animo ritirandi' and marked Doc. 'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand for payment made (see the same Doc 'A' above mentioned) the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed to you he shall proceed to the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of this Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue.

Respondent: 54, Sayonara
Kaħwiela Street,
Santa Luċija PLA 10.

Registry of the Court of the Superior Courts, today 4th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1829

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Anna Speranza et, Rikors numru 782/2006, David Speranza, żewġ l-istess Anna Speranza, iben Joseph Speranza u Miriam neé Cassar, imwieled Floriana u rikoverat l-Isptar Sir Paul Boffa, l-Floriana, bil-karta ta' l-identità numru 27157(M) ġie interdett.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 6 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an Application of Anna Speranza et, Application number 782/2006, David Speranza, husband of the same Anna Speranza, son of Joseph Speranza and Miriam neé Cassar, born in Floriana and an inmate at Sir Paul Boffa Hospital, Floriana, with identity card number 27157(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 6th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1830

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fil-5 ta' Diċembru 2006 fl-atti tas-subbasta numru 4/2006 fl-ismijiet "Said Antoinette vs Triganza Adrian" ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 15 ta' Jannar 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-bejgħ in subbasta dawn l-oġġetti:-

1. Television tal-Kulur tal-marka Radiodurelle

2. Decoder komplet b'satellita tal-marka Humax

3. Microven tal-marka Kenwood

4. Television tal-Kulur tal-marka Selica

5. Dishwasher tal-marka Halpanil

maqbuda mill-poter tad-debitur in forza tal-mandat ta' qbid numru 233/2004, u liema bejgħ għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Ġenerali

Illum 5 ta' Diċembru 2006

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

In virtue of a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 5th December 2006 in the records of judicial sale by auction number 4/2006 in re "Said Antoinette vs Triganza Adrian", Monday 15th January 2007 from 9.00 a.m. to noon has been set for the sale by auction of the following items:-

1. Radiodurelle Colour Television

2. Humax decoder complete with satellite dish

3. Kenwood Microven

4. Selica Colour Television

5. Halpanil Dishwasher

seized from the possession of respondent in virtue of a warrant of seizure in same names with reference number 233/2004, and which sale will be held at the Gozo Courts' edifice, in Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction
General Section

This 5th December 2006

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1831

Billi Abigay sive Abigail Azzopardi ppreżentat rikors, li fiha titlob il-korrezzjoni tar-reġistrazzjoni tat-twelid tagħha, kull min jidhirlu li għandu interess, u jrid jopponi dik it-talba b'dan l-avviż hu msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata, fir-Reġistru fuq imsemmi, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illum, 6 ta' Diċembru, 2006

MARUSKA BALDACCHINO
Deputat Reġistratur

Whereas Abigay sive Abigail Azzopardi has filed a sworn application demanding correction of the registration of her birth, whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the above-mentioned Registry within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Today, 6th December, 2006

MARUSKA BALDACCHINO
Deputy Registrar

1832

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet tal- 5 ta' Diċembru, 2006 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' Elvin John Azzopardi li jġib in-numru 9 tas-sena 1986 fis-sens illi fil-parti taċ-ċertifikat li tagħti tagħrif dwar il-post tat-twelid ta' missier it-tarbija u preċiżament fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" il-kliem "Victoria, Għawdex" għandhom jitħassru u jiġu sostituti bil-kliem "Għajnsielem, Għawdex".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, 5 ta' Diċembru, 2006.

JOSEPH A. BORG, B.A.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 5th December, 2006 ordered the correction of the Act of Birth of Elvin John Azzopardi bearing number 9 of the year 1986 in the sense that in the column titled "Name and Surname and Place of Birth of the Father" the words "Victoria, Għawdex" be cancelled and substituted by the words "Għajnsielem, Għawdex".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 5th December, 2006.

JOSEPH A. BORG, B.A.
For Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

1833

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-6 ta' Novembru 2006, minn Richard, Joe, Marianne Muscat, aħwa Cauchi, u ta' Paul, bin il-mejjet Paul sive Lino Cauchi, rikors Nru 728/2006, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Vincent Cauchi, ġuvni, iben il-mejtin Emmanuel Cauchi u Rita neé Borg, imwieled Valletta, kien joqgħod il-Ħamrun u miet il-Pietà fis-27 ta' Ottubru 2005, ta' 61 sena u li kellu Karta ta' l-Identità Nru 761244(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 7 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 6th November 2006, by Richard, Joe, Marianne Muscat, brothers and sister Cauchi, and of Paul son of the late Paul sive Lino Cauchi application number 728/2006, whereby they asked that it be declared open in their favour in the quota of one-fourth (1/4) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Vincent Cauchi, bachelor, son of the late Emmanuel Cauchi and Rita neé Borg, born in Valletta, who resided in Ħamrun and died in Pietà on the 27th October 2005, intestate, aged 61 and who had Identity Card No. 761244(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 7th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1834

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz, ta' digriet mogħti fit-2 ta' Awissu 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċ jali numru 2162/06, fl-ismijiet Edrichton Holidays Limited (C3111), Sun Services Ltd (5428) u L.R. Services Limited (C9502) ilkoll ta' The Edwin England Sant Fournier Buildings vs Edrichton Services Limited (C2890), P.A.P.S. Limited (C23158), Razzett l-Abjad Limited (C23155), Clover Holdings Limited (C23154), Walter Rizzo bħala stralċjarju għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà Domino Holdings Limited (C23157) u Edrichton Estates Limited (C23156), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Edrichton Services Limited u P.A.P.S. Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' Ġunju 2006.

Lil:-

1. Edrichton Services Limited (C2890)
Edrichton Place
Triq it-Tartarun
Qawra.

2. P.A.P.S. Limited (C23158)
Flat 3, Euro Mansions
Triq l-Università
Msida.

3. Razzett l-Abjad Limited (C23155)
La Pergola
39, Għargħur Road,
Tal-Balal, Birkirkara.

4. Clover Holdings Limited (C23154)
Clover Holiday Complex
Triq it-Tartarun
Qawra.

5. Walter Rizzo bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Domino Holdings Limited (C23157) 38, Triq il-Keffa,
Swieqi STJ11.

6.Edrichton Estates Limited (C23156)
17, Guardamangia Hill,
Pietà.

Permezz tal-preżenti s-soċjetajiet Edrichton Holidays Limited (C 3111), Sun Services Ltd. (C 5428) u L.R. Services Limited (C9502) ilkoll ta' 'The Edwin England Sant Fournier Building' St. George's Park, Dragonara Road, St. Julians, jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali datata 12 ta' Ġunju 2006,

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 2nd August 2006, in the records of the judicial letter number 2162/06, in the names Edrichton Holidays Limited (C 3111), Sun Services Ltd (5428) and L.R. Services Limited (C9502) all of The Edwin England Sant Fournier Buildings vs Edrichton Services Limited (C2890), P.A.P.S. Limited (C23158), Razzett l-Abjad Limited (C23155), Clover Holdings Limited (C23154) Walter Rizzo as liquidator in the name and in representation of the company Domino Holdings Limited (C23157) and Edrichton Estates Limited (C23156) ordered the following publication for the purpose of service of Edrichton Services Limited and P.A,PS. Limited in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 27th June 2006.

To:-

1. Edrichton Services Limited (C2890)
Edrichton Place
Tartarun Street
Qawra.

2. P.A.P.S. Limited (C23158)
Flat 3, Euro Mansions
University Street,
Msida.

3. Razzett l-Abjad Limited (C23155)
La Pergola
39 Għargħur Road,
Tal-Balal, Birkirkara.

4. Clover Holdings Limited (C23154)
Clover Holiday Complex
Tartarun Street
Qawra.

5. Walter Rizzo as liquidator in the name and in representation of the company Domino Holdings Limited (C23157), 38, Keffa Street,
Swieqi STJ11.

6. Edrichton Estates Limited (C23156)
17, Guardamangia Hill,
Pietà.

By the present the companies Edrichton Holidays Limited (C3111), Sun Services Ltd. (C5428) and L.R. Services Limited (C9502) all of 'The Edwin England Sant Fournier Building' St. George's Park, Dragonara Road, St. Julian's, refer to the judicial letter dated 12th June 2006, and filed on

u ppreżentata fit-13 ta' Ġunju 2006, mill-Avukat Dottor Philip Manduca bħala mandatarju speċjali ta' Airtours plc ta' Wavel House, Holcombe Road, Helmshore, Rossendale, Lancashire, UK, kontra tagħhom fejn jirreferi għall-inċident li ġara fil-Gallina Aparthotel, Triq il-Baħħara, Qawra, fil-15 ta' Lulju 1995, li fih weġġa' gravi Michael Geale bin James sive Jimmy Geale.

Għal kull buon fini u effetti tal-liġi, bil-preżenti , is-soċjetajiet mittenti qed iżommu ferm kwalunque dritt li jista' jkun hemm kontra s-soċjetajiet mittenti, mill-imsemmi Michael Geale jew l-aventi kawża tiegħu, inklużi u/jew minn Airtours plc, il-mittenti jkollhom id-dritt li jinvolvu lil jew jirreferu l-istess lis-soċjetajiet intimati.

Tant biex tagħrfu tidderigu ruħkom.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the 13th June 2006, by Advocate Dr. Philip Manduca as special mandatary of Airtours plc of Wavel House, Holcombe Road, Helmshore, Rossendale, Lancashire, UK, against them where he refers to the incident which occurred in Gallina Aparthotel, Baħħara Street, Qawra, on the 15th July 1995, whereby Michael Geale son of James sive Jimmy Geale was grievously injured.

For all intents and purposes of law, by the present, the interpellant companies, are holding firm any right that there may be against the interpellant companies, by the said Michael Geale or his successors in title, including and/or by Airtours plc, the interpellants shall have the right to involve or refer the same to respondent companies.

So much so that you may know how to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 7th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1835

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet, mogħti fl-1 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 420/05 NC, fl-ismijiet Azzopardi Joseph vs Direttur Reġistru Pubbliku et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika tal-kjamat fil-kawża Paul Azzopardi, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Joseph Azzopardi 175162(M) ippreżenta Ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Diċembru 2005, kontra Direttur Reġistru Pubbliku, u b'digriet tat-28 ta' Frar 2006, ġew kjamati fil-kawża Carmen Azzopardi u bintha minuri ...Omissis..., in statu et terminis u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2006, l-istess Carmen Azzopardi ġiet nominata bħala kuratriċi ad litem ta' l-imsemmija minuri ...Omissis... u bl-istess digriet ġie kjamat fil-kawża Paul Azzopardi, fejn talab il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-ragunijiet fuq premessi;

1. tiddikjara illi l-missier/paternità ta' ...Omissis..., huwa Joe Azzopardi bin Paul Azzopardi u Rita neé Dimech.

2. tiddikjara illi hemm żball fil-paternità fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri ...Omissis...

3. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjoni neċessarja sabiex jinbidlu d-dettalji tal-paternità u d-dettalji relattivi oħra.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree , given on the 1st November 2006, in the records of the Writ of Summons number 320/05 NC, in the names Azzopardi Joseph vs Director Public Registry et, ordered the following publication for the purpose of service of the third party in law suit, Paul Azzopardi, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Joseph Azzopardi 175162(M) filed a Writ of Summons in the Civil Court, (Family Section) on the 28th December 2005, against the Director Public Registry, and by decree of the 28th February 2006, there were called into the law suit, Carmen Azzopardi and her minor daughter ...Omissis..., in statu et terminis and by decree of the 15th March 2006, the same Carmen Azzopardi was appointed curator ad litem of the same minor ...Omissis... and by the same decree Paul Azzopardi, was called into the suit, whereby the defendant asked why this Court should not for the reasons premised;

1. declare that the father/paternity of ...Omissis..., is Joe Azzopardi son of Paul Azzopardi and Rita neé Dimech.

2. declare that there is a mistake in the birth certificate of the minor ...Omissis...

3. order the Director Public Registry to make the necessary correction in order to change the details of the paternity and the other relative details.

With costs, against the defendants.

Notifika Kjamat in kawża:

Paul Azzopardi
3, St. Luke's Road,
Rabat.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 420/2005 NC, fl-ismijiet Azzopardi Joseph vs Direttur Registru Pubbliku et, tinsab differita għat-18 ta' Jannar 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ilum 7 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify the third party in the law suit:

Paul Azzopardi
3, St. Luke's Road
Rabat.

The cause Writ of Summons Number 420/2005 NC, in the names Azzopardi Joseph vs Director Public Registry et, has been put off to the 18th January 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 7th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1836

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti, fil-15 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 259/2006NC, fl-ismijiet Cauchi Jean sive Jean Pierre vs Cauchi Illiana Tileva, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Awissu 2006, fl-ismijiet Jean magħruf bħala Jean Pierre Cauchi, li għandu Karta ta' l-Identità numru 36751(M) li joqgħod 28, Nicolò Isouard Street, Sliema vs Iliana Tileva Cauchi, li għandha l-Karta ta' l-Identità numru 26505L u li toqgħod Flat 4, Swallow Court, Birkirkara Road, St. Julians; ir-rikorrenti Jean magħruf bħala Jean Pierre Cauchi, espona bir rispett;

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ fit-28 ta' Awissu 2004, fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, fir-Reġistru Pubbliku, Malta

...Omissis...

2. Peress illi r-rikorrenti kien armel bi tlett itfal filwaqt li l-intimata kienet divorzjata,

...Omissis...

3. Peress illi matul il-perjodu kemm damu miżżewgin il-partijiet dejjem għexu separatament

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 15th November 2006, in the records of the Writ of Summons Number 259/2006 NC, in the names Cauchi Jean sive Jean Pierre vs Cauchi Illiana Tileva ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 8th August 2006, in the names Jean known as Jean Pierre Cauchi who has Identity Card number 36751(M) and who lives at 28, Nicolò Isouard Street Sliema vs Iliana Tileva Cauchi, who has Identity Card number 26505 L and who lives at Flat 4, Swallow Court, Birkirkara Road, St. Julian's; the applicant Jean known as Jean Pierre Cauchi, pleaded with respect;

1. Whereas the parties contracted marriage on the 28th August 2004, in the Marriage Registry at the Public Registry, Malta,

...Omissis...

2. Whereas the applicant was a widower with three children whilst the respondent was divorced,

...Omissis...

3. Whereas during the period they were married the parties always lived separately,

...Omissis...

4. Peress illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u obbligi tal-ħajja miżżewġa,

...Omissis...

5. Peress illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieg;

6. Peress illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

Tgħid għaliex l-istess intimata għar-raġunijiet premessi għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Awissu 2004, huwa null għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dok. A.

Konvenuta: Flat 4, Swallow Court,
Birkirkara Road,
St. Julian's.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 259/06 NC, fl-ismijiet Cauchi Jean sive Jean Pierre vs Cauchi Illiana Tileva, tinsab differita għall-14 ta' Frar 2007, fid-9.00 a.m., għan-notifika tal-konvenuta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, (Sezzjoni tal-Familja) illum 7 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

...Omissis...

4. Whereas the consent of the parties or either of whom was vitiated by a serious defect of discretion of judgement on married life, or on the duties and obligations of married life,

...Omissis...

5. Whereas the consent of the parties or either of whom was acquired by a positive exclusion of marriage itself or of more than one of the essential elements of married life or to the right of the act of marriage;

6. Whereas the consent of the applicant, was acquired by deceit regarding a quality of the other party which can of its nature seriously obstruct married life;

Thus the respondent is to state why for the reasons premised this Honourable Court, should not saving any necessary declarations and the opportune provisions given;

1. Declare and decide that the marriage contracted between the parties on the 28th August 2004, is null for all intents and purposes of Law.

With costs, against the respondent summoned so that a reference to her evidence be made.

Witnesses.

Doc. A.

Defendant: Flat 4, Swallow Court,
Birkirkara Road,
St. Julian's.

The cause Writ of Summons Number 259/06 NC, in the names Cauchi Jean sive Jean Pierre vs Cauchi Illiana Tileva, has been put off to the 14th February 2007, at 9.00 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 7th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1837

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Adrian Avellino (ID 184982M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 388/06 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID ta' Matt Avellino numru 2080/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 11 ta' Diċembru 2006.

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Adrian Avellino (ID 184982M) filed an application under oath (No. 388/06 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of Matt Avellino number 2080/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 11th December 2006.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1838

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 732/05 GCD, fl-ismijiet Peter Galea vs Noel Xuereb, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Peter Galea (ID 165638M) ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Awissu 2005, kontra Noel Xuereb, fejn talab il-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

1. M'għandhiex tiddikjara u tiddeċiedi illi t-tneħħija tax-xatba u l-għeluq tal-passaġġ bil-ġebel fi Triq Ġużé Galea, Iklin, da parti tal-konvenut jammonta għal spoll fil-konfront ta' l-attur.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 7th November 2006, in the records of the Writ of Summons number 732/06 GCD, in the names Peter Galea vs Noel Xuereb, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap.12.

Peter Galea (ID 165638) filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court, on the 12th August 2005, against Noel Xuereb, whereby he asked the defendant to state why this Court should not;

1. Should not declare and decide that the removal of the gate and the closure of the passage with stones in Ġuzé Galea Street, Iklin, on the part of the defendant amounts to a spoliation against the plaintiff.

2. M'għandhiex tikundannah sabiex fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġi, huwa jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-passaġġ li jagħtuh aċċess liberu għall-għalqa tiegħu u dana billi jirrimwovi l-ħajt tal-ġebel li kkostruwixxa; u

3. Fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan fit-terminu lilu prefiss, tawtorizza lill-attur jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex jerga' jkollu aċċess liberu għall-għalqa tiegħu mill-passaġġ li jgħati fi Triq Ġużé Galea, l-Iklin, u dana a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, kif jingħad fiċ-Ċitazzjoni, u b' riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur, senjatament dik għad-danni, kontra l-konvenut li minn issa qed jiġi inġunt għas-subizzjoni.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

2. Should not condemn him so that within a short and peremptory period which it shall fix, he shall reintegrate the plaintiff in the possession of the passage which gives him free access to his field and this by removing the stone wall he built; and

3. And if the defendant fails to do this within the term fixed to him, to authorize the plaintiff to carry out the necessary works, in order that he shall have free access to his field from the passage which abutts in Ġużé Galea Street, Iklin and this at the expense of the defendant.

With costs, as stated in the Writ of Summons, and saving any other action due to the plaintiff, especially that for damages, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Registry of the Civil Courts, today 11th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1839

Illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-8 ta' Diċembru 2006, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Spettur Raymond Aquilina) kontra:

Alfred Gatt ta' 56 sena iben il-mejjet Saviour u l-mejta Anna neé Gauci mwieled Mġarr nhar it-12 ta' Mejju 1950 u residenti 6 Bokka taċ-Ċarċara, limiti ta' Mġarr, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 472550(M);

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi iktar 'il fuq, jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fl-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali u fl-Artikolu 2 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta) illum 11 ta' Diċembru 2006.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 8th December 2006, the Court acceded to the request of the prosecution in the Preliminary Investigation 'The Police (Inspector Raymond Aquilina)' versus:

Alfred Gatt, 56 years old, son of late Saviour and late Anna neé Gauci, born in Mġarr on the 12th May 1950 and residing 6 Bokka taċ-Ċarċara, limits of Mġarr, holder of identity card number 472550(M);

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable in terms of Article 23A(2) of the Criminal Code as well as Article 2 of Chapter 373 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 11th December 2006

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1840

Billi r-rikorrenta Helga Muscat Groelz (K.I. Nru. 394868M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 392/06 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 3362/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 11 ta' Diċembru, 2006.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas the plaintiff Helga Muscat Groelz (ID 394868M) filed an application under oath (No. 392/06 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 3362/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 11th of December, 2006.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1841

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Joseph Caruana u Albert Caruana, Rikors numru 560/2006, Antonia Caruana, mart Angelo Caruana, bint il-mejtin Carmelo Tabone u Antonia neé Balzan, imwielda Valletta u residenti Ħal Lija, bil-karta numu 445130(M) ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 11 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an application of Joseph Caruana and Albert Caruana, Application number 560/2006, Antonia Caruana, wife of Angelo Caruana, daughter of the late Carmelo Tabone and Antonia neéBalzan, born in Valletta and residing at Lija, identity card number 445130(M) was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 11th December 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*